# GĦODOD TAL-BIEDJA

—Ġanni, dak li għedtli fuq il-moħriet ktibtu u deher fil-MALTI fix-xahar ta' Ottubru. Jien bagħattlek ktieb, wasallek?

—Wasalli u rajt il-moħriet maħżuż. X'għedt fuqu ma nafx, għax, jaħasra, ma nafx naqra. Fi żmieni ma kellniex skejjel u l-lum ma għandix moħħ naqbad nitgħallem—"Tagħlim fil-kbir, qris fil-ħmir" kien igħid missieri, u hekk hu.

—Kont taqra dak li għedtli int, u għalhekk ma tlift xejn li ma qrajtx il-kitba. Min ma jħakkekx mal-bdiewa għoġbu dak li ktibt għax fuq il-biedja, in-nies ma taqlibx moħħha.

"Tridx tgħidli xi ħaġa fuq il-għodda li għandek hawn fir-razzett? Għall-ħidma ta' l-art x'għandek iżjed?

—Kull ma tara. Din l-*imgħażqa*, b'xifirha dritt, twila mas-seba' purzieri li teħel mal-*marlaċċ* daqxejn immejla, biex tidħol fil-ħamrija u ttalla' t-tuba aktar bil-ħeffa. Il-marlaċċ twil ma' l-erba' piedi. Dik l-*imgħażqa* żgħira li hemm fir-rokna nsejħulha *lexxuna*, tiswa għat-taħmil tax-xitel fejn ma rridux li ssir ħsara, għax mita tonqox il-wiċċ ma' dwar ix-xitla, biex taħwi t-trab u taqla' xi ħaxix ħażin, iżżomm ftit bogħod minnha.

"Għat-taqxir tar-raba' u biex inwarrbu ż-żrar għandna dik il-biċċa għodda b'żewġt iswaba', ingħidulha l-*Krexxun*.

—L-imgħażqa naħseb li tiswa mita l-ħamrija tkun ħafifa u ratba, fit-tafli ma tigdimx sħiħ, nistħajjel.

—Le, fl-art taflija l-imgħażqa ma taqbilx. Biex inkissru il-wiċċ jiebes naħdmu bil-*fiesa*, dik li hemm wieqfa mal-ħajt, donnha mgħażqa dejqa.

—Rajta, billi dejqa nistħajjel tidħol aktar fl-art u mita tinġibed taqla' għoqda trab ġmielha.

—Taqla' ngħid! fit-tafli hi biss taqlagħna;—trid marlaċċ sħiħ u driegħ qawwi. Billi ġejja bħal ilsien ta' suffara togħdos bilġri, u mal-ġibda, it-tuba tinqaleb. Inbagħad jew tagħżaq, jew ixxattab, jew tistenna l-ilma biex iferrex it-trab.

—Ħdejn il-fiesa għandek oħra idjaq, dik fiesa oħra?

—Le, dak ingħidulu *fies*. Biċċa għodda idjaq u eħfef iżda tkisser it-tub aħjar. Il-fies għandu nitfa ta' denb wara, bħal musmar biex wieħed jaħbat fejn it-tub ikun jiebes bosta. Il-fiesa maqtugħa dritt minn wara u ftit usa', il-fies

idjaq u mdenneb. Il-marlaċċ tat-tnejn hu twil ftit aktar minn tliet piedi; ta' l-imgħażqa itwal għax jasal madwar l-erba' piedi.

—Ma għandkomx bħal imgħażqa wiesgħa, Ġann?

—Le, mgħażqa waħda għandi.

—Dik, imqabbda mar-raff m'hix imgħażqa?

—Lè, dak insejħulu *zappun*, imfassal bħal qalb. Għandna żewġ xorta ta' *zpapen*; wieħed tal-għażiq, quddiem bixxifer, u l-ieħor jispiċċa bil-ponta u jissejjaħ *zappun taż-żrar*. Biex niġbru ż-żrar min wiċċ il-għalqa daz-zappun jiswa ħafna, minn wara dritt u fin-nofs għandu toqba fejn jeħel il-marlaċċ. Iz-zappun twil mal-15-il purzier, u l-marlaċċ tiegħu ma jwassalx it-tliet piedi, għax iqsar minn dak ta' l-imgħażqa.

"Għat-tisfija ta' wiċċ ir-raba' hemm għodda oħra. Il-*moxt* u *r-rixtellu*, it-tnejn għandhom manku twil li fih teħel ħadida bil-ponot, qishom swaba'. Il-*moxt* żgħir, u r-*rixtellu* kbir, b'għaxart iswaba. Dawn jitgħaddew bil-mod u jiġbru żrar u jomxtu l-wiċċ, u l-ħaxix u t-tfixkil ieħor li jinsab fil-ħamrija jinġabar u hekk tissaffa l-għalqa.

—Ma hemmx rixtellu li jitkarkar mal-wiċċ bil-bhima?

—Hemm, imma ma ngħidulux rixtellu. Int q'ed tgħid għax-*xatba*. Ix-xatba donnha grada tal-għuda u tinġibed mill-bhima. Fuqha nagħmlu ħaġra kbira jew inrikkbu tifel għat-toqol u l-ħamrija titwitta.

"Hemm żewġ xorta ta' *xtabi*, waħda bl-imsiemer ħerġin minnha li jiġu ma' wiċċ ir-raba' u hekk tista' tkisser l-iskorċa niexfa tat-trab. L-oħra lixxa bla msiemer biex twitti it-trab wara li l-art tkun inħartet. Arax, is-silla tinżara' f'Awissu fuq għażqa tajba; wara iż-żrigħ, l-art tixxattab biex iż-żerriegħa tiġi marduma sewwa.

"Il-moħriet jagħmel *ir-radda* u l-wiċċ jiġi donnu mewġ-il-baħar. Biex il-wiċċ jarġa' għalli kien, ingħaddu minn fuqu ix-xatba. Hekk iż-żerriegħa tintradam u, imkenna fit-trab, tistenna l-barka ta' l-ilma biex f'waqtha tibda teħmer u tfaqqas, u xxenxel u tarmi.

—Nistħajjel ix-xogħol il-kbir tar-raba' huwa sa ma tiżra, għax inbagħad kollox ħafif.

—Ħafif iċ-ċajt. Mita jsiru l-*għalejjel* ma jridux jinġabru? Xejn ma jrid xogħol il-ġbir tax-xgħir u tal-qamħ!

"L-ewwel trid taħsad. Ix-xemx tkun tibda tagħmel tagħha għad li ma jkunx ħa s-sajf sewwa. "Għal Mejju aħsad imqar

kien-plejju", igħid il-bidwi, imma l-ħsid aktarx isîr f'Ġunju. Xemx fuq rasek, trab f'għajnejk u għaraqma' ġismek kollu, għax il-*minġel* irid driegħ qawwi u ħafif. Aqta, midd, orbot il-qatet, għarrimhom, ġorrhom.

"Mal-ħsad aħseb għall-qiegħa, witti, irrombla, ballat u bixx, biex l-art tibbies u jsir l-andar. Inbagħad għad-dris, ferrex il-qatet u dawwar il-bhejjem. Trid toqgħod magħhom il-bhejjem, għax jekk terħilhom għal riħhom jeħdlu; is-sħana u t-tidwir fuq l-artab, sejrin dejjem, iraqqadhom għad li x'iżjed ikunu mgħammda.

"Bil-għajnuna t'Alla sa fl-aħħar id-dris isir u wieħed iħejji ruħu għall-ġbir tat-tagħam.

—Għidli, Ġann, ma jaqbilx dax-xogħol tagħmlu bil-magna? Hawn waħda għall-kiri naħseb.

—Hawn, imma ma jaqbilx. Tħaffef iva u teħles minn ħafna xkiel. Min hu bieżel iżomm mal-qwiel tax-xjuħ: "Min jagħmel xogħlu b'idu jirqmu u jżidu". Waħda, għax la għandna l-bhejjem jaqbel li nħaddmuhom u l-oħra għax it-tiben il-magna tħallih oħxon u jiebes u l-bhejjem tal-*miexi* ifarrkuh irqiq u dan għalina għalf għax-xitwa. Mhux billi tgħaġġel u teħles kmieni, trid taħseb għalli jiġi wara u tara li telf ma jsirx. Aħna ma nistgħu narmu xejn għax kull laqxa tirfed l-imramma.

—Hekk hu, mela wara li tidres iġġorr il-qamħ lejn il-matmura.

—M'hux la kemm. Jibqa' ħarira xogħol qabel nersqu lejn il-matmura. Kif jispiċċa d-dris jibda t-tidrir. Hawn jistrieħu l-bhejjem u nidħlu aħna. It-tidrir irid sabar, xogħol jiebes u riħ tajjeb. Fl-irtuba u riħ mejjet ma dderrisx. Mela wieħed jissabbar sa ma jonfoħ ir-riħ-fuq u nbagħad għaġġel qabel ma r-riħ jorqod. Dik hi l-*midra*, hemm wieqfa mal-ħajt. Tal-għuda kollha, twila x'erba' piedi. Biċċa injam taż-żebbuġ bi tlitt iswaba twal, marbuta bil-ġild, u bejn is-swaba' feles biex ma jingħalqux. Aqbadha f'idek, ara kemm hi ħafifa u qawwija. B'dan kollu dirgħajk jeħdlu wara siegħa xogħol f'dik is-sirġa tas-sajf. Bil-midra, it-tiben jintrafa' u ir-riħ ibiegħdu mill-qiegħa għax ħafif u l-qamħ tqil jaqa' fl-art. Derri minn hawn u iknes dejjem għan-nofs, ma jibqâx ħlief il-għarma tal-qamħ jew xgħir li jkun.

—U l-qamħ tiġbruh nistħajjel.

—M'hux għal issa, għax ir-riħ ma jtajjarx il-karfa kollha u għalhekk qabel ma jinġabar il-qamħ irid it-tgħarbil.

—Hemm għandek aktar min għarbiel wieħed, milli nara!

—Tlieta, għandi; wieħed *taż-żrar*, ieħor *tal-karfa* u wieħed *tat-trab*. Kull għarbiel tal-ġild fih maż-żewġ piedi u tmien purzieri, b'ċirku għoli sitt purzieri.

"It-toqob ta' kull wieħed usa' minn ta' qablu.

"Il-għarbiel *tal-karfa* jew *taż-żwiel* għajnejh kbar u fih 7 toqob kull purzier imrabba', għax il-karfa żżomm minn l-ewwel u l-qamħ igħaddi. Bil-*luħ* nimlew il-għarbiel u tnejn min-nies igħarblu.

—Jaqaw il-*luħ* hija dik li aħna nsejħu *pala*?

—Iva, aħna daqqa ngħidulha *pala* u daqqa *luħ*.

"Il-għarbiel *taż-żrar* jew *tan-naqal*, bit-toqob iżgħar, għax in-naqal iċken mill-karfa; fih toqob mal-14 fuq kull purzier. Wara dan, qabel ma jidħol fl-ixkejjer, il-qamħ jinxeħet fuq l-aħħar għarbiel, dak *tat-trab*, u hekk jissaffa għal kollox. Il-għarbiel tat-trab fih mat-28 toqba fuq kull purzier, it-trab igħaddi u l-qamħ jibqa' ġewwa għax akbar mit-toqob.

—Fih ix-xogħol milli nara. Issa naħseb li mill-matmura jista' jmur jintaħan.

—Lè, għax xi nitfa trab dejjem jeħel mal-qamħ u fil-mitħna għandu jmur nadif. Għalhekk il-bidwi dik il-qabda qamħ li jrid jitħan jaħsilha tajjeb ġewwa mejjilla jew lembija biex tissaffa mill-għabra u minn xi żrara u nbagħad inixxifha fuq setaħ jew fuq andar.

—Kemm tiswa xogħol il-kisra ħobż li nieklu, Ġann! Mn-Alla l-bidwi jaħdem bil-ħrara u ma jaħsibx wisq fuq li jiswa xogħlu.

—Kollox tidra fid-dinja, qarib, min iħabbel moħħu u min igħakkes ġismu, biex jiekol kullħadd imidd għonqu għax-xogħol. Huwa sebaħ, aħjar nersaq lejn ir-raħal. Saħħa u mita tkun il hawn għaddi.

—Saħħa Ġann, narġa' narak ma ndumx.

T. Z.